**QORTI TA'L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE INFERJURI)**

**ONOR.IMHALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

Seduta tas-27 ta' Frar 2019

Appell numru 367/2013

Il-Pulizija

Vs

Shirley Sawyer

Charmaine Grech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Shirley Sawyer u Charmaine Grech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), akkuzati talli

1. **f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Awwissu 2006 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minghajr awtorizazzjoni,**

**ipprevjenew, jew ostakolaw d-dhul ghal xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg u dan bi pregudizzju tal-principal taghhom.**

2. **u aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizazzjoni, installaw, nehhew, biddlu, ikkancellaw, qerdu, varjaw jew ziedu ma' xi *data*, *software* jew dokumenatzzjoni ta' appogg u dan bi pregudizzju tal-principal taghhom**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Lulju 2013 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u minnhom illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appell tal- Avukat Generali ipprezentat fit-12 ta' Awwissu 2013 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha migjuba f'dan il-kaz issib lill-imputati appellati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji imqanqla mill-Avukat Generali u cioe':

1. l-ammissjoni maghmula mill-imputati appellati fl-istqarrija rilaxxjata minnhom lill-pulizija ghandha valur probatorju u ghalhekk ma kellhiex tigi skartata mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament minnha maghmul tal-provi.
2. Illi fil-mertu, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kollha migjuba kontra l-appellati billi l-provi migjuba kontriehom kellhom ikunu sufficjenti sabiex jinstabu hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2019 fejn l-appellant Avukat Generali iddikjara li qed jirrinunzja ghall-ewwel aggravju minnu intentat, izda qed izomm ferm l-aggravvju l-iehor marbut mal-apprezzament tal-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

L-appellati Sawyer u Camenzuli gew mixlija li ghal habta ta' Awwissu tas-sena 2006 meta kienu impjegati mal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, ghamlu uzu hazin tas-sistema komputerizzata fi hdan il-Kunsill Lokali meta qerdu *data* tal-Kunsill li kien jinsab f'zewg kompjuters proprjeta ta'l-istess Kunsill. Ir-rapport lill-pulizija dwar dan l-att inkriminatorju fit-termini tal-artikolu 337C tal-Kodici Kriminali, sar mis-Segretarju Ezekuttiv Joseph Cassar biss fil-bidu tas-sena 2007 meta imbaghad it-*towers* ta' dawn iz-zewg kompjuters li kienu jahdmu fuqhom l-appellati tul l-impjieg taghhom mal-Kunsill, gew mghoddija lill-pulizija ghal aktar stharrig f' Mejju 2007. Nel frattemp dawn iz-zewg kompjuters, li kienu jaghmlu uzu minnhom l-appellati qabel ir-rizenja taghhom u li minnhom allegatament kienet thassret id-*data*, baqghu jigu uzati fi hdan il-Kunsill. Fil-fatt ghalkemm ir-rapport maghmul minn PS266 Stefan Decelis mic-Cyber Crime Unit fi hdan il-korp tal-pulizija, kien jindika illi kien sar xi thassir ta' *data* mill-kompjuters, madanakollu xortawahda ir-risultanzi kienu fin-negattiv billi ma setax jigi stabbilit meta u minn min dawn il-*files* gew imhassra.

L-appellati xortawahda jigu interrogati mill-pulizija u jirrilaxxjaw l-istqarrijiet rispettivi taghhom fis-07 ta' Settembru 2007, liema stqarrijiet madanakollu gustament gew skartati bhala prova mill-Ewwel Qorti u dan billi in linja ma' gurisprudenza kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dawn kienu lezivi tad-dritt ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata li setghet inkriminat ruhha meta ma inghatatx il-jedd tkun assistita minn konsulent legali.

Madanakollu abbazi ta' dawn l-istqarrijiet u l-fatt li d-*data* mertu tal-kaz irrizulta li giet imhassra mis-sistema komputerizzata fil-jiem precedenti ir-rizenja ta' dawn iz-zewg impjegati mill-Kunsill, il-prosekuzzjoni kienet tal-fehma li setghet tasal biex tixli lill-appellati bir-reati imfassla fl-artikolu 337C(1)(d) u (g) tal-Kodici Kriminali.

Illi skartati, kif inghad l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellati lill-pulizija bhala prova, l-Ewwel Qorti abbazi tal-provi li kien fadal fl-atti ma setatx issib htija u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi in segwitu ghall-izviluppi kostituzzjonali li sehhew fis-snin li ghaddew marbuta mal-valur probatorju tal-istqarrija tal-akkuzat meta dan ma inghatax il-jedd jikseb parir legali u dan referribbilment ghal dawk l-istqarrijiet li gew irrilaxxjatai fis-snin li ipprecedew Frar tas-sena 2010, l-Avukat Generali kien tal-fehma li kellu jirtira l-ewwel aggravju minnu intentat u cioe' dik il-lanjanza marbuta mad-decizjoni tal-Ewwel Qorti li ma tqiesx bhala prova l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellati lura f'Settembru tas-sena 2007. Zamm ferm izda it-tieni aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi ghalkemm f'din il-lanjanza l-Avukat Generali xortawahda iqies l-istqarrijiet bhala prova determinanti ghalbiex tinstab il-htija fil-konfront tal-appellati.

Billi allura din il-parti tad-decizjoni marbuta mal-valur probatorju tal-istqarrijiet tal-appellati, ma ghadhiex iktar sindikabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni, ghalkemm irid jinghad li din il-Qorti tikkondividi pjenament il-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fir-rigward, jifdal ghalhekk l-aggravju imqanqal mill-Avukat Generali marbut mal-apprezzament tal-provi rimamenti in atti billi mit-trattazzjoni orali maghmula fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2019 deher li kien baqa' tal-fehma illi dawn il-provi xortawahda jistghu iwasslu ghar-reita ghall-akkuzi dedotti kontra l-appellati imfissra fl-artikolu 337C(1)(d)(g) tal-Kodici Kriminali fejn jinghad hekk:

> **1) Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu:**
>
> **(d) pprevjeni jew tostakola d-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;**
>
> **(g) installa, tneħħi, tbiddel, tagħmel ħsara, tħassar, tiddeterjora, trażżan, teqred, tvarja jew iżżid ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tirrendi data bħal din inaċċessibbli.**

Illi skont ix-xiehda tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill f'dak iz-zmien Joseph Cassar kif ukoll tas-Sindku Stephen Sultana, kien hemm materjal jew *data* mahzuna f'zewg kompjuters li kienu jaghmlu uzu mnnhom l-appellati li gew imhassra. Ighidu li dan huma skoprewh xi ftit jiem wara li l-appellati kienu taw ir-rizenja taghhom mill-impjieg u telqu minn fuq il-post tax-xoghol. Il-materjal jew *data* imhassra gie fil-fatt irkuprat mill-Kunsill Lokali billi l-informazzjoni kienet mahzuna f'*back-up*, tant hu hekk li meta kien hemm bdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali f'Marzu 2008, l-istess Kunsill baghat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirtira l-ilment tieghu.

Illi allura l-uniku xhud li xehed fuq id-*data* li huwa sab imhassra minn dawn iz-zewg kompjuters li allegatament kienu jaghmlu uzu minnhom l-appellati impjegati bhala *clerks*, kien is-Segretarju Ezekuttiv Joseph Cassar li jallega illi meta l-appellati irrizenjaw mill-impjieg taghhom kien innota li din id-*data* kienet nieqsa mill-kompjuter taghhom. Ir-rapport lill-pulizija madanakollu jaghmlu 'il fuq minn sitt xhur wara u nel frattemp dawn il-kompjuters baqghu jigu uzati mill-impjegati l-ohra tal-Kunsill. Jikkonferma din ix-xiehda ukoll is-sindku Stephen Sultana.

Illi ghalkemm PS266 Stefan Decelis mic-Cyber Crime Unit jishaq illi fil-kompjuters li huwa ezamina fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Angelo Gafa' kien fil-fatt sab xi *files* imhassrin, madanakollu ighid illi l-attivita' fuq il-kompjuters baqghet ghaddejja sal-04 ta' Mejju 2007 u allura xhur wara li l-appellati kienu irrizenjaw mill-impjieg taghhom, biex b'hekk allura ma kienx possibbli li jigi stabbilit minn min u meta sehh dan it-thassir.

Issa s-sub-titolu V ghat-Titolu IX tal-Kodici Kriminali gie introdott fis-sistema penali taghna permezz ta'l-Att VII tas-sena 2010 u emendat b'Att VIII tas-sena 2015, liema ligi giet immodellata fuq il-Computers Misuse Act 1990 ta'l-Ingilterra. Issa din il-ligi kellha l-ghan li tirregola tlett tipi ta' reati u cioe':

1. L-access mhux awtorizzat ta' materjal li jinsab f'kompjuter.
2. L-access mhux awtorizzat bl-intenzjoni illi jigi facilitat l-kummissjoni ta' reati ohra.
3. It-tibdil jew modifikazzjoni ta' materjal mhux awtorizzat.

L-appellati jinsabu akkuzati bil-qirda mhux awtorizzata ta' materjal jew *data* mahzuna fil-kompjuters li kienu jaghmlu uzu minnhom, distruzzjoni allura li necessarjment tirrikjedi l-element intenzjonali li tali att materjali isehh b'intenzjoni kriminuza u mhux merament bi zball jew bi traskuragini.

Illi l-Blackstone ighid hekk fuq l-intenzjoni mehtiega fir-reati ta' uzu hazin ta' kompjuter:

"*There are two limbs to the mens rea of the offence. The first limb is the intent to secure access to any program or data held in any computer. …. Recklessness is insufficient; still less would careless or inattentive accessing of the computer suffice for liability. The second limb is that the accused must know at the time when he causes the computer to perform the function that the access which he intends to secure is unauthorised. The prosecution must prove both limbs*[1]."

Issa din il-Qorti ezaminat l-atti mill-gdid u tara li ma hemm l-ebda prova li twassal ghal dak il-grad mehtieg fil-kamp penali sabiex tipponta fid-direzzjoni tal-appellati. Ghalkemm Joseph Cassar jishaq illi id-*data* imhassra instabet minnu ftit jiem wara li l-appellati kienu irrizenjaw mill-impjieg taghhom, b'daqshekk ma ifissirx lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li kienu l-appellati, jew ghal ta'l-inqas xi wahda minnhom, li ikkomettew l-att materjali. Ma hemm l-ebda prova li kien hemm 'l hekk imsejjah *common design* li dawn jikkomettu flimkien dan ir-reat. Kif lanqas hemm prova li kienu it-tnejn li huma flimkien li ghamlu dan ghaliex *del resto* dan ir-reat seta' gie kommess minn wahda minnhom biss. Il-Qorti tista' tasal biss ghal kongetturi u mhux ghal xi fatti ippruvati, iktar u iktar meta l-Kunsill kompla jaghmel uzu minn dawn il-kompjuters ghal xhur shah wara li sehh dan l-allegat att kriminali.

Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha taccetta il-tezi tal-Prosekuzzjoni illi l-att materjali sar mill-appellati jew xi wahda minnhom, xortawahda hija nieqsa l-

[1] Criminal Practice B17.6

prova dwar l-element intenzjonali billi ma jirrizultax jekk fil-fatt l-att kommess minn dawn iz-zewg impjegati sarx bi zball, b'negligenza jew inkella volutament.

Illi allura maghmula dawn il-konsderazzjonijiet huwa bil-wisq evidenti illi l-appell intentat mill-Avukat Generali ma jista' qatt jirnexxi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur